MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 2779/1997/1

**Frederick, John u Martin Testaferrata De Noto**

**v.**

**Emanuel Testaferrata De Noto u b'digriet ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar, 2004 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Louise mart John Holland, Mary Anne sive Miriam, Jesmond, Asteria Testaferrata De Noto Debattista, Nathalie Vella, Elizabeth Testaferrata De Noto Belviso ahwa Testaferrata De Noto u Pauline armla minn Emanuel Testaferrata De Noto stante l-mewt tal-konvenut fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi meta miet Federico Testaferrata de Noto fl-1935 intestat, l-eredità tieghu, li kienet tikkonsisti f'diversi kwoti ndivisi ta' proprjetà in komun ma' hutu ohra, iddevolviet fuq l-erba' uliedu: Francesco, Benedetta, Giuseppina u Vincenza mill-ewwel zwieg ma' Antonia neé Borg u fuq l-erba' uliedu l-ohra: Vincenzo, Emmanuel, Mary u Alfio mit-tieni zwieg ma' Aloisia neé Attard; illi Alfio Testaferrata de Noto, bin il-mejjet Federico u Aloisia Testaferrata de Noto miet fl-1943 guvni bla testment, u wirtuh hutu kollha nkluza ommu Aloisia, li kienet ghadha hajja fil-mument tal-mewt tieghu u ghaldaqstant Aloisia Testaferrata de Noto giet ko-eredi ma' l-ulied kollha msemmijin hawn fuq; illi b'kuntratt fl-atti tan-nutar Antonio Galea tas-6 ta' Marzu 1965, Vincenzo u Vincenza ahwa Testaferrata de Noto bieghu u ttrasferixxu (*sic*) a favur Pawlu Fenech id-drittijiet taghhom kollha ereditarji, provenjenti lill-istess cedenti mis-successjoni ta' l-imsemmi mejjet missierhom Federico Testaferrata de Noto u kif l-istess drittijiet ereditarji ghaddew in parti lill-istess cedenti mis-successjonijiet ta' Francesco Testaferrata de Noto li miet guvni bla testment fl-1939 u ta' Alfio Testaferrata de Noto li miet guvni bla testment fl-1943, f'liema successjonijiet kienu jinkludu l-proprjetà msemmija f'dak il-kuntratt; illi Emmanuel Testaferrata de Noto hu Vincenzo u Vincenza Testaferrata de Noto u ko-eredi fl-ereditajiet imsemmija fil-kuntratt tas-6 ta' Marzu, 1965, ghamel kawza biex jigi deciz u ddikjarat illi huwa ghandu dritt li jirkupra minghand Pawlu Fenech l-istess drittijiet ereditarji u proprjetà lilu ceduti fil-kuntratt imsemmi, liema kawza kienet giet ceduta fl-1 ta' Dicembru 1968 bi ftehim bejn Pawlu Fenech u Emmanuel Testaferrata de Noto; konsegwentement permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar George Cassar fis-7 ta' Dicembru 1968, Pawlu Fenech biegh lura nofs indiviz tad-drijjiet ereditarji u proprjetà li xtara fil-kuntratt imsemmi tas-6 ta' Marzu, 1965 lil Emmanuel Testaferrata de Noto; illi Vincenzo Testaferrata de Noto miet fl-1971 u kellu tlett

it-tfal li huma Frederick, John u Martin; illi Aloisia Testaferrata de Noto, omm Vincenzo, mietet fl-1975 bla testment, u wirtuha wkoll ulied Vincenzo, l-atturi f'din il-kawza, in rapprezentanza ta' missierhom; illi l-aljenanti fil-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 ma ntimawx il-ko-eredi b'att gudizzjarju u ghalhekk ma giex osservat dak li hemm dispost fl-Art. 912 tal-Kodici Civili, u ghalhekk Frederick, John u Martin ahwa Testaferrata de Noto, l-atturi, bhala eredi ta' Aloisia Testaferrata de Noto u ko-eredi fl-ereditajiet imsemmija ghandhom id-dritt li jeskludu lill-barrani, cessjonarju ta' kwota ereditarja, milli jippartecipa maghhom fid-divizzjoni tal-wirt, billi jisvestuh mid-drittijiet successorji minnu akkwistati u jiehdu postu fl-istess drittijiet; li Emanuel Testaferrata de Noto fit-transazzjoni milhuqa bl-ebda mod ma segwa l-procedura preskritta mil-Ligi biex gharraf lil min kellu interess halli jista' jirkupra mieghu; premess dan kollu, l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: [1] tiddikjara ghar-ragunijiet premessi u stante li ma giex osservat dak li hemm dispost fil-Kodici Civili, li l-atturi bhala uhud mill-eredi ta' Aloisia Testaferrata de Noto u ko-eredi fl-ereditajiet imsemmija ghandhom id-dritt li jippartecipaw fl-irkupru tas-sehem transatt ma' Pawlu Fenech, cessjonarju ta' kwota ereditarja mill-wirt ta' Vincenzo u Vincenza Testaferrata de Noto, billi jippartecipaw mieghu fl-irkupru u dan skond it-transazzjoni tas-7 ta' Dicembru, 1968, fuq imsemmija bejn il-konvenut Emanuel Testaferrata de Noto u l-imsemmi Pawlu Fenech; bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Martin Testaferrata de Noto, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li huma preskritti *ai termini* ta' l-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-istess talbiet huma preskritti *ai termini* ta' l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili;

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-trasferiment bejn Pawlu Fenech u l-konvenut tas-7 ta' Dicembru 1968 atti Nutar George Cassar, ma jaqax taht l-ambitu ta' l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili;

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-aljenazzjoni in kwistjoni hija valida fil-ligi;

4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dritt taht l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili ma ghandux jispetta lill-atturi stante li ma ezercitawx id-dritt fit-terminu prefiss lilhom;

5. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz saret divizjoni parzjali ta' l-eredità in kwistjoni u ghaldaqstant id-dritt ta' rkupru ma ghadux jispetta lill-atturi;

6. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-werrieta l-ohra kienu a konoxxenza ta' kwalsiasi att gudizzjarju u/jew att pubbliku li sar in relazzjoni ma' l-eredità in kwistjoni;

7. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tas-sitta (6) ta' April, 2001 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta' l-atturi u ordnat illi l-ispejjez kollha tal-kawza jithalsu minnhom, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Il-fatti essenzjali ta' din il-kawza, safejn johorgu mill-atti, huma dawn:

"Francesco Testaferrata de Noto miet fl-1935 u wirtuh it-tmien uliedu, erbgha mill-ewwel zwieg u erbgha mit-tieni zwieg. L-atturi huma ulied Vincenzo, wiehed mill-ulied tat-tieni zwieg, u wirtu sehem mill-wirt bhala *aventi causa* minn Vincenzo. Wirtu wkoll sehem iehor minghand nannithom Aloisia, it-tieni mara ta' Francesco u omm Vincenzo, ghax wiehed iehor minn ulied Francesco u

Aloisia, li jismu Alfio, miet qabel ommu wara li kien wiret lil missieru, u ghalhekk wirtitu ommu Aloisia flimkien ma' hutu. Meta mbaghad mietet Aloisia wirtuha wkoll l-atturi b'rapprezentanza ta' missierhom li kien miet qabilha.

"Dana Vincenzo, flimkien ma' Vincenza, ohtu mill-missier, wahda mill-ulied ta' l-ewwel zwieg ta' Francesco, cedew sehemhom mill-wirt (maghduda wkoll ishma li komplew wirtu minn huthom li mietu bla wlied) lil Pawlu Fenech b'kuntratt tas-6 ta' Marzu 1965.

"Il-konvenut Emanuel Testaferrata de Noto, wiehed mill-ulied tat-tieni zwieg ta' Francesco, fetah kawza kontra Pawlu Fenech biex jeskludih mis-sehem li kien xtara mill-wirt, hekk kif ighid l-art. 912(1) tal-Kodici Civili:

**912.** (1) Jekk wiehed mill-werrieta jkun ceda, b'titolu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta l-ohra jew wiehed jew izjed minnhom jistghu jeskludu lic-cessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jhallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, l-ispejjez li jkun ghamel ghal dik ic-cessjoni, u l-imghaxijiet fuq il-prezz minn dak in-nhar li dak il-prezz ikun gie mhallas minnu lic-cedent.

"Din il-kawza spiccat bi transazzjoni, u b'kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1968 Pawlu Fenech bigh lill-konvenut nofs is-sehem li kien akkwista bil-kuntratt tas-6 ta' Marzu 1965.

"L-atturi issa qeghdin ighidu li huma kellhom jedd jiehdu sehem fl-irkupru, u ghad ghandhom il-jedd ghax ma kinux sarulhom in-notifiki li jridu l-art. 912(2), (3) u (4):

(2) Il-jedd li ghandhom il-werrieta l-ohra kif jinghad hawn fuq, jispicca wara xahar min-notifika li ssir lilhom ta' dik ic-cessjoni, kemm-il darba f'dak iz-zmien huma ma jiddikjarawx li jridu jezercitaw dak il-jedd.

(3) Meta wiehed mill-werrieta jkun ezercita dak il-jedd, il-werrieta l-ohra jistghu jinghaqdu mieghu, basta li jiddikjaraw dan fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika maghmula lilhom.

(4) Dawn in-notifiki u dikjarazzjonijiet ghandhom isiru b'att gudizzjarju.

"L-atturi huma werrieta ta' Vincenzo, successuri universali tieghu, u ghalhekk fil-persuna taghhom titkompla l-personalità legali ta' Vincenzo. Vincenzo kien wiehed minn dawk li ceda s-sehem tieghu fil-wirt ta' Francesco, u ghalhekk ma setax jirkupra lura dak is-sehem, jew jinghaqad fl-irkupru, ghax il-jedd li jeskludi lic-cessjonarju jvesti mhux fil-ko-werriet li jkun ceda sehem izda fil-'werrieta l-ohra jew wiehed jew izjed minnhom'. Dak li ma setax jaghmlu Vincenzo ma jistghux jaghmluh il-werrieta tieghu.

"Tibqa' l-kwistjoni jekk l-atturi ghandhomx il-jedd jissiehbu fl-irkupru safejn huma *aventi causa* mhux minn missierhom, li kien ceda sehmu, izda minn nannithom Aloisia.

"Fil-fehma tal-Qorti, safejn l-atturi qeghdin ifixxu li jirkupraw lura sehem li kien ceda l-awtur taghhom, huma ma jistghux jinghaqdu fl-irkupru ta' dak is-sehem, ukoll jekk dan ifittxu li jaghmluh bis-sahha ta' sehem iehor li wirtu minghand haddiehor. Quddiem is-sehem li ceda l-awtur taghhom, huma ma humiex, u ma jistghu qatt isiru, 'il-werrieta l-ohra', izda jibqghu dejjem il-werriet li ceda sehmu, jew is-successuri universali tieghu, li huma l-istess haga.

"Kwistjoni ohra hija jekk l-atturi - ghalkemm ma jistghux, lanqas bhala *aventi causa* wkoll minn nannithom jirkupraw is-sehem li kien ceda missierhom - jistghux ghallinqas jirkupraw is-sehem li kienet cediet Vincenza Testaferrata de Noto.

"Vincenzo, ghax kien ceda sehmu, ma setax jithalla jirkupra sehem mill-wirt, la s-sehem li ceda hu u lanqas is-sehem cedut minn haddiehor. L-awturi [*recte*: l-atturi], sa fejn huma *aventi causa* minnu, ma jistghux jaghmlu dak li ma setax jaghmel l-awtur taghhom, u ghalhekk, bhala *aventi causa* ta' Vincenzo, ma jistghux jinghaqdu ma'

werrieta ohra fl-irkupru tas-sehem ta' Vincenza. Jistghu, izda, safejn huma *aventi causa* ta' Aloisia, jinghaqdu fl-irkupru tas-sehem ta' Vincenza? Fil-fehma tal-Qorti ma kien hemm ebda ostakolu li jzomm lill-atturi milli jinghaqdu mal-konvenut fl-irkupru tas-sehem biss ta' Vincenza Testaferrata de Noto.

“Imiss issa li nqisu jekk l-atturi ghadx ghandhom dak il-jedd. Huma qeghdin ighidu li t-terminu ta' hmistax imsemmi fl-Art. 912(3) tal-Kodici Civili qatt ma beda jghaddi kontriehom ghax ma kinux notifikati bl-azzjoni mibdija mill-konvenut kontra Pawlu Fenech.

“Il-jedd li l-Art. 912(3) jaghti lill-ko-werriet huwa li jinghaqad mal-ko-werriet l-iehor fl-ezercizzju tal-jedd ta' rkupru. Dan jista' jaghmlu sakemm il-jedd ma jkunx lahaq gie akkwizit mill-ko-werriet l-iehor, ghax inkella l-ko-werriet li jfittex li jinghaqad fl-irkupru ma jkunx qieghed, fil-fatt, jinghaqad fl-irkupru izda jaghmel esproprjazzjoni ta' jedd già akkwizit mill-ko-werriet l-iehor. Dan huwa wkoll it-taghlim ta' l-awturi:

Si comprende tuttavia che l'uno dei coeredi non possa riservarsi il profitto tratto dal retratto se non quando il retratto stesso sia un fatto compiuto.

Fino a questo momento, infatti, non vi sono ancora dei diritti acquisiti a suo beneficio, e gli altri eredi possono utilmente domandare di partecipare al retratto, per ciò stesso che possono esercitare il retratto, per conto loro, e mettersi così in concorso coi loro coeredi.

Il retratto è consumato quando il cessionario vi ha consentito, o quando è stata emessa contro di lui una sentenza definitiva; non occorre il pagamento del prezzo della cessione poichè ciascuno dei fatti testè accennati è, per sè, solo, sufficiente a rendere il retratto irrevocabile [Baudry-Lacantinerie & Wahl, *Delle Successioni*, Vol. III (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile*, Vol. IX), n. 2617].

"Ghalhekk, il-jedd ta' ko-werriet li jinghaqad ma' ko-werriet iehor li jkun già beda l-process ta' l-irkupru jintemm jew fi zmien hmistax wara n-notifika li l-ko-werriet l-iehor ikun qed jezercita l-irkupru, jew meta l-ko-werriet l-iehor ikun finalment akkwista s-sehem tal-wirt minghand ic-cessjonarju, sakemm, f'dan it-tieni kaz, ikun ghadda wkoll iz-zmien ta' xahar min-notifika, mhux ta' l-irkupru, izda tac-cessjoni, ghax jekk l-irkupru jkun mitmum qabel ma jghaddi dak ix-xahar xorta ma jkunx jista' jcahhad lill-ko-werrieta l-ohra mill-jedd taghhom taht l-Art. 912(1) u (2) illi, mhux jinghaqdu fl-irkupru mibdi minn ko-werriet iehor, izda li jezercitaw l-irkupru huma stess *iure proprio*. L-atturi tallum, izda, ghandhom jitqiesu li kienu notifikati bic-cessjoni tas-6 ta' Marzu 1965 dakinhar stess li saret, ghax kienu, fil-persuna ta' l-awtur taghhom, prezenti fuq dak l-att. F'kull kaz, ghalhekk, ghalqilhom it-terminu, kif ighid il-konvenut fir-raba' eccezzjoni tieghu.

"Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, l-atturi ma ghadhomx jistghu imexxu bl-azzjoni tallum."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata s-sentenza appellata u illi minflok jigu milqugha t-talbiet taghhom, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi l-appell interpost ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, ghalkemm fir-rikors ta' appell jinghad (fol. 30) "l-aggravju huwa car u manifest" (sottolinear ta' dina l-Qorti), minn qari akkurat ta' l-istess rikors jirrizulta illi l-appellanti

avanzaw is-segwenti zewg (2) aggravji kontra s-sentenza appellata:

1. Fi kliem ir-rikors ta' appell (fol. 31):

"Fejn hemm il-kelma tal-ligi dwar xi procedura ghandha tintuza ghan-notifiki bl-att gudizzjarju meta ssir cessjoni ta' sehem minn wirt, it-termini hemm imposti ma jistghux b'interpretazzjoni jinghataw termini ohrajn ghaliex ma tkunx qed tigi interpretata il-ligi imma tkun qed tigi emendata il-ligi";

2. Dejjem fi kliem ir-rikors ta' appell, taht l-intestatura 'Wirt b'rapprezentanza' (fol. 31):

"Il-*fulcrum* … tal-kwistjoni kollha jidher illi huwa l-interpretazzjoni illi tat il-Qorti fil-pagna 5 tas-sentenza fejn jinghad '*fil-fehema tal-Qorti, sa fejn l-atturi qeghdin ifittxu li jirkupraw sehem illi kien ceda l-awtur taghhom, huma ma jistghux jinghaqdu fl-irkupru ta' dan is-sehem u ukoll jekk dawn ifittxu illi jaghmluh bis-sahha ta' sehem iehor illi wirtu minghand haddiehor*'. Hawnhekk hawn assolutament interpretazzjoni zbaljata u hazina tal-Ligi";

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel haga illi ghandha tinghad tikkoncerna l-entità tal-provi prodotti fil-kawza odjerna. Infatti, fil-fehma ta' dina l-Qorti, in vista ta' dak illi jinghad fil-premessi enumerati erbgha (4) u sebgha (7) ta' l-att ta' citazzjoni u fit-talba attrici, il-kawza hija inpernjata fuq il-kuntratt pubblikat min-Nutar George Cassar fis-sebgha (7) ta' Dicembru, 1968. Dan il-kuntratt ghandu importanza kbira ukoll fid-dawl tat-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut (fol. 8). *Eppure*, fl-atti tal-kawza ma hemmx kopja - anqas informali - ta' l-imsemmi kuntratt. Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi kien jinkombi fuq l-atturi illi jesibixxu tali kopja. Ghalhekk, kwantu ghall-kontenut ta' dan il-kuntratt, dina l-Qorti trid necessarjament tistrieh fuq dak illi jirrizulta dwaru mill-atti processwali. Dwar dan il-kuntratt, fid-dikjarazzjoni akkompanjanti l-att ta' citazzjoni, konfermata bil-gurament mil-attur Martin Testaferrata de Noto, jinghad hekk (fol. 3 u 4):

"4. illi Emmanuel Testaferrata de Noto [il-konvenut] hu Vincenzo u Vincenza Testaferrata de Noto u ko-eredi fl-

ereditajiet imsemmija fil-kuntratt tas-6 ta' Marzu, 1965, ghamel kawza biex jigi deciz u ddikjarat illi huwa ghandu dritt li jirkupra minghand Pawlu Fenech l-istess drittijiet ereditarji u proprjetà lilhu ceduti fil-kuntratt imsemmi, liema kawza kienet giet ceduta fl-1 ta' Dicembru 1968 bi ftehim bejn Pawlu Fenech u Emmanuel Testaferrata de Noto. Konsegwentement permess [*sic*] ta' kuntratt fl-atti tan-nutar George Cassar fis-7 ta' Dicembru 1968, Pawlu Fenech biegh lura nofs indiviz tad-drittijiet ereditarji u proprjetà li xtara fil-kuntratt imsemmi tas-6 ta' Marzu, 1965 lil Emanuel Testaferrata de Noto.

…

7. illi l-aljenanti fil-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 ma ntimax il-ko-eredi b'Att gudizzjarju u ghalhekk ma giex osservat dak li hemm dispost fl-art. 912 tal-Kodici Civili …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Il-kontenut tas-silta appena citata mill-imsemmija dikjarazzjoni guramentata gie konfermat ukoll bil-gurament mill-konvenut fid-dikjarazzjoni akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu (fol. 10);

Dan premess, fil-fehma ta' dina l-Qorti, ma jistax jinghad illi l-imsemmi kuntratt tas-7 ta' Dicembru, 1968 jidhol fil-parametri tal-provvedimenti tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili (ara l-premessa sebgha tac-citazzjoni) ghaliex, certament, mhux il-kaz illi permezz ta' l-istess kuntratt "… wiehed mill-werrieta … ceda il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx werriet …". Infatti, f'dan il-kuntratt il-konvenut (il-werriet) huwa akwirent;

Jinhtieg, però, illi jigi ezaminat jekk humiex applikabbli ghall-kaz in ezami il-provvedimenti tas-subartikoli (3) u (4) ta' l-imsemmi Artikolu 912 illi jiddisponu hekk:

(3) Meta wiehed mill-werrieta jkun ezercita dak il-jedd, il-werrieta l-ohra jistghu jinghaqdu mieghu, basta li jiddikjaraw dan fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika maghmula lilhom.

(4) Dawn in-notifiki u dikjarazzjonijiet ghandhom isiru b'att gudizzjarju.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, taqa' fuq il-werriet illi jkun agixxa bis-sahha tal-provvediment ta' l-Artikolu 912(1) tal-Kodici Civili r-responsabbilità sabiex issir in-notifika kontemplata mill-Artikolu 912(3) ta' l-istess kodici.  Kif già inghad, però, il-prova illi hemm fl-atti processwali - konsistenti fic-citata dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur Martin Testaferrata de Noto - hija:
"… illi l-aljenanti fil-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 ma ntimax il-ko-eredi b'Att gudizzjarju …";

u l-"aljenanti" fil-kaz in ezami mhux il-werriet izda Pawlu Fenech, illi kien akkwista minghand uhud mill-werrieta. Ghalhekk, anke kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi accettat illi l-Artikolu 912(3) tal-Kodici Civili huwa applikabbli ghall-kaz in ezami, fl-istat attwali tal-provi prodotti, ma jirrizultax pruvat illi ma saritx in-notifika kontemplata mill-istess Artikolu 912(3);

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, it-talba attrici ma tistax tintlaqa', *sia pure* ghal ragunijiet differenti minn dawk esposti fis-sentenza appellata.  Ghalhekk, ma hemmx lok illi jigu konsidrati l-aggravji kontra s-sentenza appellata avanzati mill-atturi fir-rikors ta' appell taghhom;

Ikkunsidrat:

A skans ta' ekwivoci u, ghall-kompletezza, tajjeb illi jigi rilevat ukoll illi anqas ma giet esebita kopja ta' kuntratt iehor imsemmi fil-premessa enumerata tlieta (3) ta' l-att ta' citazzjoni, dak tas-sitta (6) ta' Marzu, 1965, pubblikat min-Nutar Antonio Galea.  Konsegwentement, mhux possibbli ghal dina l-Qorti sabiex tiddetermina jekk dak illi gie precizament kuntrattat permezz ta' dan l-ahhar imsemmi att pubbliku jirrientrax fil-parametri ta' l-Artikolu 912(1) tal-Kodici Civili.  Dan qed jinghad fid-dawl ta' dak illi gie deciz illum fis-sentenza ta' dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet *Mario Micallef et v. Joseph Difesa et*, senjatament dwar l-interpretazzjoni ristretta illi ghandha tinghata lill-Artikolu 912 tal-Kodici Civili u dwar jekk *si tratta* minn aljenazzjoni ta' kwota ereditarja integra jew ta' assi partikolari appartenenti lil eredità;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma id-dispositiv tas-sentenza appellata, *sia pure* ghal ragunijiet u konsiderazzjonijiet differenti minn dawk migjuba u maghmula fis-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------